MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 37

L-Erbgħa, 11 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela u l-Ministru għall Akkomodazzjoni u l-Artijiet l-Onor. Owen Bonnici kienu msiefra fuq xogħol tal Gvern.

L-Onor. Marilena Gauci u l-Onor. Francesca Zarb kienu skużati.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport l-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol l-Onor. Jonathan Attard, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela, il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Omar Farrugia, is-Segretarju Parlamentari għall-Ħarsien tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Fleur Abela, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Mariah Meli, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Deborah Schembri u l-Onor. Romilda Zarb kienu assenti.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 36 li saret fil-11 ta' Novembru 2026 kienu konfermati.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3256 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, l-Onor. Glenn Bedingfield, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 541 Dokument li juri t-taħriġ mogħti lill-uffiċjali tal-Pulizija Komunitarja u Police Community Support Officers mill-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà (MFWS), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2108;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 542 Ftehim bejn Infrastructure Malta u l-Awtorità tad-Djar għal xogħlijiet ta' tiswija tas-soqfa ta' kumpless ta' garaxxijiet f'Binja Qlejgħa, l-Imtarfa, iffirmat fit-30 ta' Ġunju 2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5114;

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 543 Tabella li turi t-total ta' ljieli mqattgħin f'Għawdex u Kemmuna mit-turisti bejn Jannar 2025 u Ġunju 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3817;

f'isem il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 544 Tabella li turi l-perċentwali ta' twettiq ta' vjaġġi (reliability) li saru fuq ir-Rotta 110 (Pembroke) kull xahar bejn Jannar 2024 u Awwissu 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2663; u

f'isem il-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 546 Lista ta' toroq f'Malta fejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi wettaq interventi ta' kostruzzjoni, tisbiħ u titjib ta' bankini u spazji pubbliċi, maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4506; u

P.L. 547 Tabella li turi n-numru ta' postijiet ta' impjieg mimlija u dawk vakanti f'kull kunsill lokali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4980.

KUMITATI PERMANENTI

Il-President tal-Kumitat Permanenti Aġġunt, l-Onor. Ramona Attard, irrapportat li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani - Abbozz Nru 4 - kien għadda mill-Kumitat mingħajr emendi; u l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji - Abbozz Nru 7 – u l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali - Abbozz Nru 8 - kienu għaddew mill-Kumitat b'emendi.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

ESTIMI ĠENERALI 2027 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IS-SITT SEDUTA STABBILITA

Il-Kamra marret f'Kumitat.

FIL-KUMITAT

Il-President tal-Kumitati, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

VOT 11 - UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €1,339,744,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 11 – Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT 12 - ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €425,167,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 12 – Anzjani u Kura fil-Komunità, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT V - UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - KAPITAL

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €200,519,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot V – Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

Il-President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.36 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Stephen Spiteri ressaq din l-Emenda:

VOT 11 - UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Personal Emoluments

Item 11 - Holders of Political Office

Ħassar iċ-ċifra "€113,223" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€113,220".
Delete the figure "€113,223" and substitute therefor the figure "€113,220".

Fis-6.04 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Stephen Spiteri, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, l-Onor. Ian Vassallo għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Deo Debattista u l-Onor. Ian Borg għan-naħa tal-Gvern.

Fis-7.33 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Il-Kamra rriżumiet u d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kellhom jittieħdu f'seduta li d-data tagħha kellha tiġi deċiża skont l-istess mozzjoni ta' proċedura.

FTEHIM TAL-KAMRA

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, informat lill-Kamra li bi ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra, is-seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2026, li matulha kellhom jiġu diskussi f'Kumitat ta' Provvista r-riżoluzzjonijiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà, kellha tibda f'nofsinhar u tieqaf fit-3.00 pm, u mhux kif kien indikat fil-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70.

AĠĠORNAMENT

Fis-7.35 p.m. is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Anzjanità Attiva, l-Onor. Deo Debattista, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 16 ta' Novembru 2026 f'12.00 p.m. b'din l-aġenda:

Ordnijiet tal-Ġurnata

Estimi Ġenerali 2027 - Kumitat ta' Provvista

Is-Seba' Seduta Stabbilita - Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà

Vot 41 - Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà
Vot 42 - Forzi Armati ta' Malta
Vot 43 - Pulizija
Vot 44 - Probation u Parole
Vot 45 - Protezzjoni Ċivili
Vot XXII - Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà – Kapital

Is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Anzjanità Attiva informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li din is seduta tkun mingħajr mistoqsijiet parlamentari u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.37 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. BERNARD GRECH
DEPUTY SPEAKER